Kunsill Lokali Pembroke
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

Pembroke Local Council
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta.
**Tel** : (+356) 2137 2111 **Fax** : (+356) 2137 2555
**Web page** : www.pembroke.gov.mt
**e-mail** : pembroke.lc@gov.mt

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Pembroke

# TMINN LEĠISLATURA

# Laqgħa Numru 01/2021

**Il-Ħamis 28 ta' Jannar, 2021**

Il-Kunsill Lokali Pembroke ltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz Triq Alamein, Pembroke, fil-5:00 ta' wara nofsinhar.

**PREŻENTI:**

Dean Hili – Sindku
Omar Elaref Arab – Viċi Sindku
Charles Cesare – Kunsillier
Raymond Lanzon – Kunsillier

**ASSENTI b'APOLOĠIJI Skont Ordni Permanenti 14A (3):**

Désirée Vella Brincat – Kunsillier

**ASSENTI**

Ħadd

**UFFIĊJAL PREŻENTI:**

Kevin Borg – Segretarju Eżekuttiv

## Minuti

Is-Sindku Dean Hili ppresjeda l-laqgħa.

### 01.1 Qari tal-ittri ta' apoloġiji.

01.1.1. Is-Sindku Dean Hili informa lill-Kunsill li l-Kunsillier Désirée Vella Brincat talbet li tiġi skużata. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill jaċċetta din l-apoloġija.

01.1.2. Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.1.3. Il-Kunsill qabel unanimament.

### 01.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 14/K8/2020.

01.2.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 14/K8/2020 kif ippreżentati.

01.2.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.2.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 01.3 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti 15/K8/2020.

01.3.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-Minuti referenza 15/K8/2020 kif ippreżentati.

01.3.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.3.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

### 01.4 Komunikazzjoni mis-Sindku.

**46/5372/20/I** SPI.SCI.8.2020. - Espressjoni ta' Interess - Il-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022

01.4.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5372/20/I** fejn irrimarka li l-iskema tgħid li l-lokalita' li tiġi iddikjarata bħala l-Belt jew Raħal Kulturali tas-Sena 2022, qed talloka fond sa massimu ta' €200,000 biex jiġi mplimentat il-programm kulturali propost mifrux fuq din is-sena kalendarja. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li fid-dawl tad-diskussjonijiet li l-Kunsill kellu matul il-laqgħa li għaddiet, huwa evidenti li l-iskop tal-iskema ma jinkwadrax f'dak li ġie diskuss u għalhekk qiegħed jiġi propost li l-Kunsill ma jkomplix isegwi din l-iskema.

01.4.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5445/20/I** Dokument mill-Ministeru għall-Ambjent, Tibdil fil-Klima u l-Ippjanar dwar LONG TERM WASTE MANAGEMENT PLAN 2021-2030.

01.4.4 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5445/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill għandu, filwaqt li jagħmilha ċara li huwa favur kull

proċess li jinkoraġġixxi l-progress f'sens ambjentali, għandu juri t-tħassib serju tiegħu għalkemm dak propost huwa fattibbli. Il-kelliem stieden ukoll il-kummenti tal-Kunsilliera dwar dan.

01.4.5 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li l-kunċett propost huwa wieħed fit-tul u jagħmel sens.

01.4.6 Is-Sindku Dean Hili u l-Kunsillier Charles Cesare irrimarkaw xettiċiżmu dwar is-suġġett tal-borża s-sewda u tariffi li jaf ikun hemm.

01.4.7 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.8 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/5458/20/I** Kwotazzjoni mingħand is-sur Tagliaferro għall-għeluq tal-court ta' Ġnien 4 ta' Lulju, speċjalment nhar ta' Sibt u nhar ta' Ħadd filgħaxija.

01.4.9 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/5458/20/I** fejn ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċiżjoni meħuda li japprova din l-istima b'effett lura mill-5 ta' Diċembru 2020.

01.4.10 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.11 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0027/21/I** Email mingħand Guggen Band (Big Friends Guggen Musik Malta) bi proposta għall-Karnival 2021.

01.4.12 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0027/21/I** fejn ippropona l'issir diskussjoni mal-organizzatur b'mod partikolari b'referenza għad-diskussjonijiet li l-Kunsill kellu dwar attivitajiet simili fi żmien il-festi tal-Milied.

01.4.13 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.4.14 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0051/2/I** Email mingħand Jugs Malta, l-organizzaturi ta' Tough Mudder Malta jitolbu laqgħa mal-Kunsill dwar attività' proposta għal 11/12 ta' Settembru 2021.

01.4.15 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0051/21/I** fejn informa lill-membri li huwa flimkien mal-Kunsillier responsabbli mill-isport, il-Viċi Sindku Omar Arab u s-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg għandhom laqgħa skedata għall-Ġimgħa 29 ta' Jannar filgħodu mal-organizzaturi, u wara jkunu jistgħu jirrapportaw lura b'aktar dettalji.

**46/0058/21/I** Skema SPI.SCI.1.2021 dwar Restawr ta' Postijiet - Monumenti Storiċi f'Malta 2020-2021.

01.4.16 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0058/21/I** fejn informa lill-Kunsill li l-applikazzjoni trid tiġi sottomessa sat-12 ta' Frar 2021 u tkopri strutturi li la huma devoluti lill-Kunsill u lanqas lil terzi. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li la l-Kunsill ma jaf b'ebda struttura li tista' titqies li tibbenefika minn dawn il-fondi, il-Kunsill ma jistax jipparteċipa.

01.4.17 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.4.18 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0071/21/I** Email mingħand il-Perit ta' db Group jitolbu l-approvazzjoni tal-Kunsill għac-CMP konness ma' PA 3807/17.

01.4.19 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0071/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għall-pjan kif propost, liema pjan huwa simili ħafna għal dak li kien diġa approva preċedentament mill-Kunsill.

01.4.20 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.4.21 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0106/21/I** Re-launch of European Label of Governance Excellence (ELoGE) and the Label award to the Pembroke Local Council.

01.4.22 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0106/21/I** fejn ippropona li filwaqt li l-Kunsill ma jħossx li għandu jerġa' japplika, iżda fl-istess waqt ippropona li jkun għaqli li l-Kunsill juri l-interess tiegħu minħabba li s'issa l-Kunsill għad m'għandux indikazzjoni ta' liema perjodu ser ikopri l-award li għandu jiġi ppreżentat lill-Kunsill fil-jiem li ġejja.

01.4.23 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.24 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0119/21/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab jirrakkomanda membru għas-sotto kumitat tiegħu.

01.4.25 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0119/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jilqa' t-talba tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab biex is-sur David Mallia jifforma parti mis-sotto kumitat tiegħu.

01.4.26 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.27 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0129/21/I** Email mingħand il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab dwar l-impatt li nirien li kien hemm fl-akwata ta' San Patrizju s-sena li għaddiet, ħallew fuq l-ambjent tal-madwar.

01.4.28 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0129/21/I** fejn ippropona li partikularment għal wara ż-żona ta' Blokk 1 San Patrizju, il-Kunsill għandu jitlob l-għajnuna tal-esperti ta' Ambjent Malta sabiex l-ewwel u qabel kollox isir survey tas-siġar li jistgħu jiġu salvata u f'każ li dan ma jkunx possibbli, sabiex jiġu koordinata xogħlijiet bl-għajnuna tal-entitajiet konċernata sabiex dawn is-siġar jitneħħew u jitħawlu oħrajn minflokhom. Dan kollu naturalment irid iżomm fil-qofol tiegħu il-possibilità, li fl-eventwali li riservi tal-Kunsill b'rabta ma' dik il-parti tax-xogħlijiet marbuta mal-proġett tal-mini ma tiġix emendata, iż-żona li hemm biswit, possibbilment, tintmiss minn dawn ix-xogħlijiet, minkejja x-xewqat tal-Kunsill. Il-kelliem fakkar li skond in-NHLP kif approvat fis-sena 2006, fiż-żona hemm ippjanat li jkun hemm triq li tgħaqqad Triq Sant'Andrija maċ-ċentru tal-lokal.

01.4.29 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.30 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0179/21/I** Email mingħand is-Sindku Dean Hili dar Cat Shelters.

**46/0227/21/I** Email mingħand ZooMangi bi stampi tal-cat shelters.

**46/0341/21/I**

**46/0526/21/I**

01.4.31 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0179/21/I, 46/0227/21/I, 46/0341/21/I u 46/0526/21/I** u għal diskussjoni preċedenti fil-Kunsill Minuti 13/K8/2020 – 13.3.24, fejn ippropona li wara komunikat li kellu ma xi suppliers irriżulta li jkun aħjar li minflok injam, il-cat shelters, għandhom ikunu tal-plastik. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill jirratifika d-deċiżjoni meħuda bejn il-membri li jinxtraw cat shelters tal-plastik mingħand ZooMangi.

01.4.32 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.33 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0182/21/I** Sett ta' pjanti bi proposti minn IM dwar il-bini ta' mina jew mina u triq li mill-akwata ta' San Patrizju biex it-traffiku li jidħol mill-junction ma' Triq Sant'Andrija jibqa' sejjer għal Triq il-Bajja ta' San Ġorġ f'San Ġiljan.

**46/0188/21/O** Korrispondenza mill-Kunsill fejn intalbu diversi kjarifiċi.

01.4.34 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0182/21/I u 46/0188/21/O**, għall-Minuti 06/K8/2019 item 06.10.1 fejn fuq is-suġġett u għall-korrispondenza 46/3475/19/I dwar PA 06089/19, proġett propost minn Infrastruttura Malta għall-upgrading tan-network ta' toroq fosthom Triq Sant'Andrija, mina minn parti s'oħra ta' Pembroke kif ukoll upgrading tal-junctions kollha tad-dħul u l-ħruġ minn Pembroke, il-Kunsill kien qabel unanimament li fil-prinċipju l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għall-proġett kif propost għajr li l-Kunsill:

- Ma jaqbilx li Triq Anzio għandha tintmiss u li din għandha żżomm il-karattru kwiet illi llum hija mfittxija għaliha, fid-dawl tal-fatt ukoll li din tifred iż-żewġ partijiet tas-sit hekk imsejjaħ il-picnic area, u li prattikament, matul is-snin li għaddew u bil-mod li l-Kunsill indokra s-siġar taċ-ċipress fuq iż-żewġ naħat ta' din it-trejqa, l-istess triq illum saret prattikament passaġġ taħt mina ta' frieghi imfittxija minn ħafna familji għall-mistrieħ tagħhom. Dan apparti l-konsiderazzjonijiet l-oħra relatati mal-fatt li hemm diżlivell ta' madwar sular bejn it-triq u r-roundabout ta' quddiem il-Kunsill – xi ħaġa li l-Kunsill ma jistax jifhem kif tista' tiġi ndirizzata b'tali mod li jkun hemm disinn jixraq u li jkun aċċettabbli mil-lat viżwali.
- Li l-Kunsill iħoss li huwa mportanti li jekk huwa possibbli jinstabu alternattivi biex il-bokka tal-mina proposta wara l-iskola San Miguel, tersaq aktar lejn Triq Sant'Andrija biex kemm jista' ikun l-impatt ambjentali l'inevitabbilment ser ikun hemm, jiġi minimizzat kemm jista` jkun possibbli. Il-Kunsill huwa tal-fehma li s-sagrifiċċju li ser ikollu

jaffaċċja l-lokalita` bi snin ta' kostruzzjoni jimmerita li din il-proposta tiġi mistħarrġa serjament u din ir-roqgħa ħdura tiġi salvata kemm jista' ikun mill-qerda.

- Li kull intervent fi Triq Walter Ganado għandu jkun minimu u li ma jkunx intrusiv iżżejjed b'tali mod li t-triq imsemmija titlef il-karattru u l-ġmiel naturali tagħha.

01.4.35 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-proġett tal-mina jidher li huwa l-aħjar soluzzjoni fid-dawl tal-proposta l-oħra li titwessa Triq il-Mediterran, għażla oħra li tentattivament ġiet diskussa u li l-Kunsill żamm ferm kontriha fid-diskussjonijiet. Il-kelliem żied u ippropona li l-Kunsill għandu jżomm l-istess pożizzjoni, jiġifieri li jkun favur il-proġett bil-proviso tas-segwenti suġġerimenti li :

- Li ż-żewġ escape routes li hemm mill-mina għaż-żona residenzjali għandhom jesporġi fit-toroq li hemm fiż-żona Natura2000 u jkollhom aċċess dirett vertikali mhux jgħaddu minn taħt residenzi privata u dan minħabba sigurtà għall-istess residenti,
- Li jkun hemm aċċess pedonali sigur biex in-nies jaqsmu Triq Sant' Andrija fiż-żona tal-Pembroke P&R, bejn Pembroke u Swieqi,
- Li r-residenti li joqgħodu fl-akwata ta' San Patrizju jiġu provduta b'aċċess sigur biex jaqsmu lejn is-sit fejn ser tinbena l-Ambaxxata Ċiniża,
- Li r-roundabout proposta wara l-bini tal-Ambaxxata Ċiniża tingħaqad mal-lokal biex ikun hemm aċċess alternattiv għat-traffiku l-akwata tal-Knisja tal-lokal,
- Li l-Kunsill jingħata assigurazzjoni li l-mina ser tkun qed isservi u tipprovdi biex traffiku mill-Bajja ta' San Ġorġ f'San Ġiljan, ikollu aċċess dirett minn bejn il-proġett propost minn db Group u l-Corinthia Marina billi l-istess Triq tkun two way bit-traffiku minn u lejn il-mina,
- Li l-proġett fil-parti ta' St. Patricks fejn huwa propost l'issir il-mina, jekk jiġi approvat, l-akwata kollha kif indikata fin-NHLP, għandha titħawwel b'aktar siġar biex jikkumpensa għas-siġar li jaf ikollhom jitneħħew kif ukoll għal siġar li kienu nħarqu fis-snin li għaddew, u
- Li l-entratura ta' Pembroke għandha tipprovdi li jkun hemm dħul u ħruġ minn Triq Normandy direttament għal Triq Sant'Andrija kif hemm illum il-ġurnata.

01.4.36 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.37 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0191/21/I** Email mingħand Corinthia Hotel St George's Bay dwar proposta ta' kollaborazzjoni mal-Kunsill.

**46/0434/21/I** Email mingħand Corinthia Hotel St George's Bay b'lista ta' xogħolijiet li jistgħu jagħmlu fil-komunita'.

01.4.38 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0191/21/I u 46/0434/21/I,** fejn ippropona li wara l-laqgħa li saret mar-rappreżentanti tal-

kumpanija kif ukoll l-aħħar korrispondenza li rċieva l-Kunsill, il-Kunsill jitlob skeda tentattiva ta' kemm il-ħaddiem u għal kemm il-siegħa huwa possibbli li jkollu allokati miegħu u dana sabiex ikun possibbli l'issir skeda ta' xogħlijiet. Il-kelliem ippropona ukoll li l-Kunsill jikkonsidra li jsiru xogħlijiet kif kienu jsiru meta l-Kunsill kellu assenjati lilu ħaddiema manwali bħal żebgħa ta' kurduni u bankini skond il-ħtieġa.

01.4.39 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.4.40 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0201/21/I** Email mingħand Online Permit System dwar sistema kompjuterizzata li tiffaċilita' s-servizz lill-pubbliku u lill-Kunsill billi l-permessi jkunu jistgħu jinħarġu online u jsir ħlas dirett fil-bank.

01.4.41 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0201/21/I** fejn irrakkomanda li din l-ispiża għandha tiġi awtorizzata bħala direct order minħabba li tikkonċerna kwalità' u mhux prezz, apparti li diġa hija installata f'numru ta' Kunsilli Lokali oħra.

01.4.42 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg informa lill-Kunsill li r-Reġjun Tramuntana qed jaħdem fuq sistema simili u suppost għandha tkun lesta fil-ġimgħat li ġejja.

01.4.43 Fid-dawl ta' dan il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona li jkun għaqli i l-Kunsill jitlob kjarifika mingħand ir-Reġjun Tramuntana dwar time frames.

01.4.44 Is-Sindku Dean Hili issekonda.

01.4.45 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0209/21/I** Email minn Festivals Malta jitolbu l-permess biex fir-roundabout ta' quddiem San Patrizju titpoġġa struttura fil-jiem tal-karnival.

01.4.46 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0209/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni sakemm l-entita' tikseb il-permessi ta' IM u TM, peress li t-triq hija waħda arterja u ma taqax taħt ir-responsabbiltà diretta tal-Kunsill. Il-kelliem irrimarka wkoll li għandha tintalab assigurazzjoni li l-installazzjoni ma tkunx waħda għolja b'tali mod li tostakola l-viżjoni ta' min ikun qiegħed jagħmel użu mir-roundabout imsemmija.

01.4.47 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.48 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0213/21/I** Ċir 2021-002 mingħand l-AKL dwar Polza tal-Assigurazzjoni tal-Flus għall-Kunsilli Reġjonali u Kunsilli Lokali.

01.4.49 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0213/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill iġedded din l-iskema tal-assigurazzjoni mal-AKL.

01.4.50 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.51 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0220/21/I** Email mingħand Eurobasket Wolves dwar l-użu tal-multi purpose court fi Ġnien 4 ta' Lulju.

01.4.52 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0220/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li l-klabb Eurobasket Wolves, fix-xhur li ġejja jagħmlu użu mill-faċilitajiet nhar ta' Erbgħa u Ħamis bejn 16:30 - 17:45, u nhar ta' Sibt u Ħadd bejn 09.30 - 10:45, suġġett li jinbidel l-isem tal-klabb u jinkludi l-isem ta' Pembroke. Il-kelliem ippropona wkoll li dan il-ftehim għandu jkun għall-perjodu ta' erba' snin u jkun jista' jerġa' jiġġedded bi qbil bejn il-partijiet, u li l-ħinijiet jerġgħu jiġu riveduti għall-ħinijiet tas-Sajf meta jkun il-waqt.

01.4.53 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.4.54 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.4.55 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab ippropona li l-Kunsill jagħti konċessjoni ukoll lill-Pembroke Karate Club biex jagħmlu użu mill-faċilitajiet ta' Ġnien 4 ta' Lulju nhar ta' Tnejn għall-perjodu ta' siegħa.

01.4.56 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.57 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0226/21/I** Email mingħand Galea Cleaning Solution JV jinfurmaw lill-Kunsill li kienu aċċettaw iż-żieda fir-rata tat-tender tal-ġbir tal-iskart kif issuġġeriet mill-Kunsill u mhux kif kien mitlub mill-kumpanija,

01.4.58 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0226/21/I** fejn ippropona li ladarba l-kuntrattur aċċetta l-proposta tal-Kunsill, il-Kunsill emenda l-kuntratt f'dan is-sens.

01.4.59 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.60 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0233/21/I** Ittra mingħand resident student fejn talab li jingħata aċċess għall-bini tal-Arloġġ ta' Pembroke.

01.4.61 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0233/21/I** fejn ippropona li dan ir-resident għandu jiġi infurmat li l-bini tar-arloġġ huwa propjetà ta' TM u li t-talba tiegħu ser tintbagħat lill-TM għall-kunsiderazzjoni tagħhom.

01.4.62 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.63 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0278/21/I** Email mingħand Ambjent Malta dwar konsultazzjoni mal-Kunsilli Lokali biex jaraw mil-latt ambjentali l-ambizzjonijiet tal-Kunsill fejn jidħlu proġetti ambjentali biex b'hekk ikunu jistgħu jaħdmu id f'id u mal-Kunsill għal-pjan ħolistiku għal-pajjiż kollu.

01.4.64 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0278/21/I** fejn ippropona li mir-riżorsi limitati tiegħu il-Kunsill Lokali arrikka ż-żoni miftuħa tiegħu bi tħawwil ta' mijiet ta' siġar u għalhekk l-isforzi tal-Kunsill flimkien ukoll mal-entita' IM għandha tkun iffokata fuq l-indukrar ta' dawn is-siġar fiż-żoni urbana tal-lokalita`, ġaladarba ftit li xejn fadal siti għat-tħawwil. Il-kelliem irrimarka li ikun għaqli li fis-snin li ġejjien il-Kunsill jara li jiġi massimizzat il-potenzjal taż-żona Natura2000 billi jiġu żviluppati siti li jinkoraġġixxu t-

tgawdija ta’ dawn iż-żoni bil-mira li jogħla l-valur tas-sit, b’dana illi dan ikun f’ambjent ikkontrollat u għalhekk għandu jsir l-akbar sforz biex jitħaddem il-management plan u li jkun hemm ir-rieda li numru ta’ entitajiet jaħdmu flimkien sabiex ikun hemm infurzar serju, biex b’hekk is-sit jiġi żviluppat family park u sit ta’ valur anke b’potenzjal turistiku.

01.4.65 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.4.66 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0283/21/I** Email mingħand No Restrictions dwar il-possibilità li jorganizzaw events fil-lokal.

01.4.67 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0283/21/I** fejn ippropona l’issir din il-laqgħa.

01.4.68 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.69 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0334/21/I** Stima mingħand AS Supplies għall-provvista ta’ tabella kommemorattiva għax-xogħol li sar fil-Ġnien 4 ta’ Lulju.

01.4.70 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0334/21/I** fejn ippropona li din l-istima għandha tiġi approvata.

01.4.71 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.72 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0335/21/I** Email mingħand LESA dwar il-possibilità li tiġi installata CCTV oħra fi Triq Pietru D'Armenia fl-akwata tal-BIS.

01.4.73 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0335/21/I** fejn ippropona li jekk il-LESA jħossu l-bżonn ta’ CCTV oħra fl-akwata ta’ Triq Pietru D’Armenia, il-Kunsill ma jsib ebda oġġezzjoni u jinkoraġġixxi din l-inizjattiva.

01.4.74 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.75 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0338/21/I** Abbozz ta’ tiġdid għall-ftehim ma’ GreenPak dwar il-Ġbir ta' skart għar-riċiklaġġ mid-djar u mill-BIS.

01.4.76 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0338/21/I** fejn ippropona li jiffirma l-ftehim kif propost, liema estensjoni qed issir għall-perjodu ta’ sena vis-a-vis ir-riforma fil-ġbir tal-iskart.

01.4.77 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.78 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0345/21/I** Email mingħand id-Diviżjoni għall-Gvern Lokali dwar Finanzjament għal żvilupp u titjib fil-Kundizzjonijiet tal-Playing Fields fil-Lokalitajiet f’Malta u Għawdex.

01.4.79 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0345/21/I** fejn informa lill-Kunsill li l-oġġettivi tal-iskema hija ta' aktar *playing fields* inklussivi, pittoreski, komdi u aċċessibbli; aktar sostenibbiltà u ndafa; aktar innovazzjoni, inkluż it-tħaddim ta' teknoloġija innovattiva; aktar riżorsi għar-residenti biex jintegraw flimkien, f'ambjent aktar sigur, u aktar investiment fil-kwalità ta' l-arja, saħħa u l-benessere tar-residenti. Fid-dawl ta' dan il-kelliem ippropona li l-Kunsill japplika biex fi Ġnien 4 ta' Lulju u Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta jinbidel apparat li qdiem, isiru bins ġodda, tiġi installata cctv u jsiru gradi adegwata.

01.4.80 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.81 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0352/21/I** Email mingħand resident fi Triq Napuljun Tagliaferro fejn qed jitlob il-permess biex faċċata tad-dar tiegħu f'parti minn Ġnien Madre Teresa ta' Kalkutta, jingħata l-permess biex iħawwel siġar u arbuxelli indiġeni.

01.4.82 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0352/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni għat-talba tiegħu b'dana li r-resident jintalab jissottometti pjan ta' ħidma, u lista ta' speċi li bi ħsiebu jħawwel/jiżra u dana sabiex ikun assigurat li l-ebda minn dawn l-ispeċi m'huma invażivi. Il-Kelliem irrefera wkoll għall-fatt li jista` jkun li wasal iż-żmien li jiġi ikkunsidrat pjan sabiex jitneħħew l-ispeċi invażivi li hemm fis-sit, u għalhekk issuġġerixxa li għandu jintalab il-parir ta' dan ir-resident, li jidher li għandu għarfien akkademiku vast fis-suġġett.

01.4.83 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.84 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0400/21/I** Email mingħand Mayors for Peace Secretariat (Hiroshima) b'ittra ta' protesta kontra testijiet nukleari li jidher li għamlet l-Istati Uniti.

01.4.85 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0400/21/I** fejn talab il-kummenti tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab.

01.4.86 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li kien hemm kumment li sar minnaħa tagħhom li ma jarax għala l-Kunsill għandu jidħol fihom.

**46/0426/21/I** Email mingħand l-Institute for Education fejn talbu l-permess tal-Kunsill biex jinstallaw assembly point barra l-Istitut f'każ t'emerġenza kif ukoll l'issir rampa li tagħti għall-parkeġġ li hemm faċċata tal-istess Istitut, li jinsab fuq iż-żona Natura2000.

01.4.87 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0426/21/I** fejn ippropona l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni dwar l-assembly point, iżda dwar ir-rampa proposta huwa evidenti li l-gradient tat-taraġ, li jinsab fiż-żona Natura2000, mhuwiex ser jippermetti li toħroġ rampa skond l-istandards tal-KNPD u għaldaqstant, għandhom jaraw li jikkunsidraw sit ieħor li jkun aċċessibbli.

01.4.88 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.4.89 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0533/21/I** Stedina lill-Kunsilli Lokali għall-espressjoni t'interess għat-tħawwil ta' siġar tal-palm li l-weraq tiegħu jintuża mis-sajjieda.

01.4.90 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0533/21/I** fejn talab il-kummenti tal-membri.

01.4.91 Il-Kunsillier Charles Cesare ippropona li jekk huwa possibli jitħawwel xi palm fil-picnic area u qal li ser jara fejn dan jista' isir u jirreferi lura lill-Kunsill.

01.4.92 Is-Sindku Dean Hili issekonda.

01.4.93 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0535/21/I** Email mingħand Environmental Consultants Ltd. jitolbu laqgħa mal-Kunsill dwar il-preparazzjoni ta' Master Plan għall-widien, fosthom proposti u azzjonijiet dwar Wied Ħarq Hammiem.

01.4.94 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0535/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill jiltaqa` mal-entita` msemmija.

01.4.95 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.96 Il-Kunsill qabel unanimament.

**46/0538/21/I** Propost minn Nature Trust Malta biex fuq is-sit Natura2000 jinżergħu siġar u arbuxelli indiġini, liema żona tinkludi t-tul ta' Triq il-Mediterran u qed jitolbu l-għajnuna tal-Kunsill kemm biex jiġi preparat is-sit kif ukoll biex jissaqqew.

01.4.97 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0538/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni li fejn jista` jgħin sabiex dan il-pjan ta' fejda jimmaterjalizza, b'dana billi tul Triq il-Mediterran jinżergħu biss arbuxelli baxxi biex ma tiġix ostakolata l-vista tal-istess Natura2000 u l-kosta. Irrakkomanda ukoll li huwa importanti li l-Kunsill jingħata pjanta dettaljata b'estimi ta' kemm, fejn u liema xitel ser jinżergħu, sabiex jekk il-Kunsill japprova, inkunu nistgħu inkunu f'pożizzjoni nikkomunikaw kemm mal-kuntrattur tal-Kunsill kif ukoll mal-CM sabiex jiġi proġettat ix-xogħol bil-quddiem.

01.4.98 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.4.99 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.4.100 Is-Sindku Dean Hili ippropona l'issir lampa ġdida fi Trejqet Patri Odorik Girma, fil-kantuniera fejn hemm il-garaxxijiet.

01.4.101 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.4.102 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.4.103 Is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jitlob lill-Infrastructure Malta biex jekk huwa possibbli jsir upgrading tal-parkeġġ li hemm bejn Blokk 7 fi Triq l-Imħallef William Harding u Triq Burma.

01.4.104 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.4.105 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.4.106 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-iskema LC Care Scheme dwar qtates abbandunata fejn ippropona li dwar l-ikel, l-ammont allokat għandu jinqasam bejn il-feeders skond kemm għandhom qtates irreġistrata mal-Kunsill billi jiġu infurmata kemm għandhom allokat u wara li jipprovdulna riċevuta fiskali, ikunu jistgħu jingħataw rifużjoni tal-ispejjeż minfuqa. Dwar l-użu ta' servizzi relatata ma' VET's, il-kelliem ippropona li l-Kunsill għandu jadotta policy, li l-feeders reġistrata mal-Kunsill jiġu infurmata bis-servizzi offruti, jintalbu jħallsu huma u wara li jippreżentaw rapport tal-VET u kopja tal-irċevuti, jingħataw rimburżar tal-ispejjeż.

01.4.107 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.4.108 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.4.109 Is-Sindku Dean Hili ippropona li jinxtraw Basketball nets ġodda biex jinbidlu dawk li hemm fi Ġnien 4 ta' Lulju.

01.4.110 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

01.4.111 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.5 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsillieri.

01.5.1 Peress li ma kienx hemm mistoqsijiet, is-Sindku Dean Hili għadda għall-item li kien imiss.

## 01.6 Rapporti, ilmenti u ordnijiet ta' xogħlijiet.

01.6.1 Is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg ippreżenta lill-Kunsill:

- **Internal Memo 01/2021** - Lista ta' works orders maħruġa bejn laqgħa referenza 14/K8/20 u 01/K8/21 **(Ara Dok. 1)**
- **Internal Memo 02/2021** – Rapport tal-laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi **(Ara Dok. 2)**

01.6.2 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-**Internal Memo 01/2021** dwar works orders maħruġa bejn laqgħa u oħra, fejn ippropona r-ratifikazzjoni tagħhom, liema works orders inħarġu skond l-esiġenzi li kellu l-Kunsill.

01.6.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.6.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.7 Rapport finanzjarju 4 Kwart 2020 (Jannar – Diċembru 2020).

01.7.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta r-Rapport Finanzjarju 4 Kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2020, liema rapport kien diskuss u maqbul mill-Kumitat tal-Finanzi. **(Ara Dok. 3)** Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Dean Hili ippropona li r-Rapport Finanzjarju 4 Kwart li jkopri l-perjodu minn Jannar sa Diċembru 2020, jiġi approvat kif iċċirkolat.

01.7.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

01.7.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.8 Approvazzjoni tal-Estimi Finanzjara għas-sena 2021.

01.8.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-Estimi Finanzjarja għas-sena 2021 kif ippreżentata waqt il-laqgħa tal-lokalita', liema rapport kien diskuss u maqbul mill-Kumitat tal-Finanzi. **(Ara Dok. 4)** Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Dean Hili ippropona li Estimi Finanzjarja għas-sena 2021, jiġu approvata kif iċċirkolata.

01.8.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

01.8.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.9 Approvazzjoni tal-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2021 – 2025.

01.9.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2021 - 2025, liema rapport kien diskuss u maqbul mill-Kumitat tal-Finanzi. **(Ara Dok. 5)** Fid-dawl ta' dan, is-Sindku Dean Hili ippropona li Pjan ta' Ħidma għas-snin 2021 - 2025, jiġi approvat kif iċċirkolat.

01.9.2 Il-Kunsillier Raymond Lanzon issekonda.

01.9.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.10 Il-proġett tad-db City Centre.

01.10.1 Is-Sindku Dean Hili irrimarka li l-Kunsill irċieva pjanti ġodda b'rabta ma' dan il-proġett u stieden lill-membri għall-kummenti tagħhom.

01.10.2 Wara diskussjoni li saret dwar jekk hemmx qbil li l-Kunsill jista' jieħu pożizzjoni li ma jkunx kontra l-proġett kif qed jiġi propost fid-dawl li minn dak li kien ġie approvat mill-PA, għal dak li qed jiġi propost issa hemm downscaling konsiderevoli kif ukoll għall-fatt li l-kummenti kollha li kien ressaq il-Kunsill kontra l-proġett oriġinali, issa jidher li ġew indirizzata, is-Sindku Dean Hili ippropona li l-Kunsill jitlob laqgħa mal-Perit tal-iżviluppatur biex jiġi l-Kunsill u jispjega l-pjanti u d-disinn propost, fejn eventwalment il-Kunsill ikollu jerġa' jiltaqa' bħala Kunsill biex jieħu pożizzjoni finali fuq il-proġett, liema laqgħa ser tkun qed tissejjaħ b'urġenza.

01.10.3 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.10.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.11 Il-proġett propost minn żviluppatur fuq is-sit tal-Pembroke Athleta FC.

01.11.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0218/21/I** fejn il-Kunsill rċieva sett ta' artistic impressions ta' proġett li qed jiġi propost minn GAP Holdings fuq is-sit ta' Pemboke Athleta FC, liema proġett jesporġi ukoll fuq it-trejqa li hemm bejn il-ground u Site A5 – A11, il-parkeġġ li hemm preżentement u l-ġnien li għamlu l-MTA. Il-kelliem ippropona li l-Kunsill ma jaqbel xejn li ż-żona identifikata tiġi żviluppata kif qed jiġi propost, anke fid-dawl ukoll li l-kerreja li għandhom l-art, qatt m'ikkomunikaw direttament mal-Kunsill dwar il-ħsibijiet tagħhom. Il-kelliem irrimarka wkoll li dak li ġie propost lill-Kunsill ma jidhirx li prima face huwa inlinea mal-ispirtu tal-kummerċjalizazzjoni tal-faċilitajiet sportivi minħabba li ma jżied ebda valur

għall-faċilitajiet sportivi li hemm, anzi jidher li qed jagħti aktar importanza lill-iżvilupp tal-bini milli lill-faċilitajiet sportivi eżistenti.

01.11.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.11.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.12 Proposti biex jiġu riattivata r-relazzjonijiet ta' Town Twinnings

01.12.1 Is-Sindku Dean Hili talab il-kummenti tal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab.

01.12.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab irrimarka li jixtieq li jiġġeddu r-rabtiet li diġa hemm invigore u dan biex meta l-Kunsill ikollu opportunita' għal xi tip ta' koperazzjoni, ikunu jerġgħu jibdew jinbnew il-kuntatti, speċjalment dwar sports, innovazzjoni u żgħażagħ.

## 01.13 Proposta ta' proġett ambjentali minn GreenPak Coop

**46/0361/21/I** Email mingħand GreenPak fejn infurmaw lill-Kunsill li San Miguel Primary Education Resource Centre jixtiequ jingħaqdu fil-proġett RRR garden, propost minn GreenPak lill-Kunsill Lokali Pembroke.

**46/0529/21/I** Ftehim propost GreenPak Coop kif emendat wara diskussjonijiet mal-Viċi Sindku Omar Elaref Arab.

01.13.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għall-korrispondenza **46/0361/21/I** fejn ippropona li l-Kunsill ma jsibx oġġezzjoni. Dwar korrispondenza **46/0529/21/I**, il-kelliem stieden ukoll lill-Viċi Sindku Omar Elaref Arab biex jagħti rendikont tad-diskussjonijiet li kellu ma' GreenPak dwar il-proġett RRR garden.

01.13.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda u żied li huwa essenzjali l'issa jiġi iffirmat il-kuntratt u jittellaq il-proġett.

01.13.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.14 Il-prestazzjoni ta' impjegata tal-Kunsill

01.14.1 Is-Sindku Dean Hili għamel referenza għad-diskussjoni li kien hemm bejn is-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg u l-Kunsill dwar il-performance ta' waħda mill-impjegata tal-Kunsill li tinsab fuq kuntratt, fejn irrimarka li l-performance li qed ikun hemm huwa l-bogħod minn dak mistenni u minn dak mixtieq. Għalhekk fid-dawl ta' dan il-kelliem, bi qbil mas-Segretarju Eżekuttiv Kevin Borg, ippropona li l-Kunsill għandu jerġa jevalwa s-sitwazzjoni fi żmien tlett xhur oħra jew skond il-bżonn u l-andament tax-xogħol.

01.14.2 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.14.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.15 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta’ pagamenti.

01.15.1 Is-Sindku Dean Hili ippreżenta l-iskeda tad-dħul u ħruġ. **(Ara Dok. 6, 7, 8, 9, 10 u 11)**

01.15.2 Wara li l-Kunsilliera raw u skrutinaw il-kontijiet ippreżentati, is-Sindku Dean Hili ippropona l-approvazzjoni tal-kontijiet kollha kif ippreżentata.

01.15.3 Il-Viċi Sindku Omar Elaref Arab issekonda.

01.15.4 Il-Kunsill qabel unanimament.

## 01.16 Mozzjonijiet.

01.16.1 Is-Sindku Dean Hili nforma li ma kienu daħlu ebda mozzjonijiet u għalhekk għadda għall-item li kien imiss.

## 01.17 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.

01.17.1 Is-Sindku Dean Hili ippropona biex il-laqgħat tal-Kunsill, għall-perjodu tax-Xitwa, jerġgħu jibdew isiru fil-5:00pm.

01.17.2 Il-Kunsillier Charles Cesare issekonda.

01.17.3 Il-Kunsill qabel unanimament.

01.17.4 Il-laqgħa ntemmet fil-19:15pm u ġiet aġġornata għal Ħamis 25 ta’ Frar 2021 fil-5:00pm.

**Konfermati, illum 25 ta’ Frar, 2021**

**IFFIRMAT**

Avv. Dean Hili
**Sindku**

**IFFIRMAT**

Kevin Borg
**Segretarju Eżekuttiv**

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

Dok 1

**Internal Memo Referenza 01/2021** **28 ta' Jannar 2021**

# Lista ta' works orders li jinħtieġ li jiġu ratifikata bejn il-Laqgħa 14/K8/20 u 01/K8/21

| Referenza | | Kuntrattur | Xogħol ordnat |
|---|---|---|---|
| 172 | 2020 | Mica Med | Tirranġa lampa numru T010 fi Triq Don Luigi Rigord fuq il-Madonna |
| 1 | 2021 | Ells' Urban Services | Xogħol ta' patching ta' ħofra fit-triq li tagħti għall-ground tal-Melita. |
| 2 | 2021 | B. Grima and Sons | Isiru road markings quddiem Dar 1 fi Triq Camillo Sceberras |
| 4 | 2021 | Progressive Information Systems Ltd | Renewal tas-software Sage Evolution għall-prezz ta' €463.88 inkluż il-VAT |
| 5 | 2021 | Mica Med | Tibdel il-Photocell tal-Gnien Madre Theresa ta' Kalkutta |
| 6 | 2021 | AKL | Polza tal-Assigurazzjoni tal-flus għal sena għall-prezz ta' €65.00. |
| 7 | 2021 | Mica Med | Lampa quddiem dar no 1 fi Triq Fra Francesco Wizzino k/m Triq Luigi Rosato |
| 8 | 2021 | J&K Contractors | • Isir gutter qabel il-multi purpose court tal-Ġnien 4 ta' Lulju;<br>• Gradilja tal-ilma quddiem Juno Flats |
| 9 | 2021 | Mica Med | Tiġi rranġata lampa W134 li tinsab mal faċċata tal-Warehouse tal-BMX fi triq Martin Luther King |
| 10 | 2021 | J&K Contractors | • Jitneħħew graffitti minn Triq Suffiolk,<br>• Tiġi rranġata kurduna fi Triq Henin u Triq il-Mediterran,<br>• Jiġi rranġata il-fence li ġie vandalizzat fi Ġnien 4 ta Lulju,<br>• Jiġu rranġata l-basketball borads ta' Ġnien 4 ta Lulju, u<br>• Isir pedestall tal-konkrit fi Ġnien 4 ta Lulju biex fuqha teħel plakka kommemorattiva. |

Kevin Borg
*Segretarju Eżekuttiv*

**Awtorizzazzjoni tas-Sindku Dean Hili sabiex tiġi ċċirkolata lill-Kunsilliera**

PEMBROKE

**Sindku** : Avv. Dean Hili **Viċi Sindku** : Omar Elaref Arab
**Kunsilliera** : Dr. Désirée Vella Brincat M.D, Charles Cesare u Raymond Lanzon
**Segretarju Eżekuttiv** : Kevin Borg

**Kunsill Lokali Pembroke**
Triq Alamein
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Pembroke Local Council**
Alamein Road
Pembroke, PBK 1776,
Malta
**Tel:** (356) 2137 2111 **Fax:** (356) 2137 2555
**Web:** www.pembroke.gov.mt
**e.mail:** pembroke.lc@gov.mt

**Internal Memo Referenza 02/2021** **28 ta' Jannar 2021**

Dok 2

# Laqgħa tal-Kumitat tal-Finanzi

Il-membri tal-Kumitat tal-Finanzi iltaqgħu nhar il-Ħamis 28 ta' Jannar 2021 fl-16:00 biex ikunu jistgħu jiddiskutu l-Estimi Finanzjarja għas-sena 2021 u l-Pjan ta' Ħidma għas-snin 2012 – 2025, ir-rapport finanzjarju Jannar sa Diċembru 2020 u l-Financial Statements għas-sena 2020.

